MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2397/2002

**Mark u Cornelia konjugi Brincat**

**Vs**

**Carmelo Briffa**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu il-hlas ta' Lm630.00c (sitt mija u tletin lira Maltin) "jew somma verjuri" rappresentanti kumpens miftiehem bejn il-partijiet kontendenti ghas-servizz rezi lill-konvenut konsistenti fl-uzu tal-fond ossia garage propjeta' tal-atturi, li fih il-konvenut iddepozita zewg dghajjes u vans, liema oggetti gew depozitati fil-fond tal-propjeta' tal-atturi meta gew debitament irtirati mill-istess konvenut.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenut talab li jigi liberat mil-osservanza tal-gudizzju minhabba li ma kienx hemm relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-konvenut u li minghajr pregudizzju ma kienx hemm ftehim ghal kumpens u li

minghajr pregudizzju l-konvenut hallas lil atturi kumpens xieraq u sufficjenti.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra s-seduta datata 26 ta' Frar, 2003 li fiha xehed Mark Brincat fejn ikkonferma li l-ftehim kien sar bill-fomm, u qatt ma ta lil konvenut id-dokument li gie ezebit (dok. MB). Il-ftehim kien li jekk idahhal boat wahda l-konvenut jhallas Lm15.00c (hmistax il-lira Maltin) u jekk idahhal aktar minn boat wahda kellu jhallas Lm10.00c (ghaxar liri Maltin) ghall-kull boat li jdahhal fil-basement tal-atturi. F'Settembru 2002 Mark Brincat gie infurmat mill-pulizija fejn il-konvenut ghamel rapport li l-istess Brincat ma riedx jatih id-dghajjes lura. Jghid li wara r-rapport kien tah kollox lura.

Ra l-istess seduta li fiha xehdet il-mara tal-attur Cornelia Brincat li kienet prezenti meta sar dana l-ftehim u tikkonferma li qal Mark Brincat. Tghid li l-basement kien fuq isimha bhala parti mid-dar izda tikkonferma originarjament li l-ftehim kien sar bejn il-konvenut u missierha. Cornelia Brincat tichad li l-konvenut kien ghamel xi hlasijiet lil missierha.

Ra n-nota tal-atturi fejn giet esebita ma kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-art li fuqha nbena l-fond li fih inzammu l-ogetti mertu tal-kawza.

Ra s-seduta datata 3 ta' April, 2003 li fiha xehed Saviour Cassar, prodott mill-atturi, fejn jghid li l-konvenut kien jafhu u darba kien avvicanah biex jikri l-garaxx tieghu ghad-dghajjes, izda Saviour Cassar qallu biex imur ghand it-tifla tieghu Cornelia Brincat ghaliex fil-garaxx tieghu ma setghax ipoggi d-dghajjes tal-konvenut. Jghid ukoll li meta ltaqaw il-konvenut staqsih kemm tiehu Cornelia Brincat u Cassar talbu Lm12.00c (tnax il-lira Maltin) ghaliex hekk kienet qaltlu it-tifla. Wara sar jaf li l-konvenut kien irranga mal-atturi. Cassar ghinu jdahhal id-dghajjes fil-basement u jikkonferma li ma rcieva l-ebda hlas minghand il-konvenut, jikkonferma li ma setghax jaghmel l-ebda ftehim minhabba li kienu hwejjeg it-tifla tieghu Cornelia Brincat. Meta

ghaddew erba’ xhur il-konvenut talab lil Brincat biex idahhal il-van ukoll fil-basement u Cassar ghinu wkoll, izda wara dan ma kellux iktar kuntatt mal-konvenut.

Ra s-seduta datata 21 ta’ Mejju, 2003 li fiha xehed Carmelo Briffa fejn qal li ma jafhomx lis-sinjuri Brincat izda jaf lil missier ta’ Cornelia Brincat ghaliex kien bena’ dar ghalih. Jikkonferma li kien dahhal id-daghjsa fil-garaxx ta Cornelia Brincat u kien hemm prezenti missier l-attrici Saviour u t-tifel tal-istess konvenut, kif ukoll l-atturi. Jghid ukoll li l-atturi qatt ma talbuh xi flus jew kumpens. Jikkonferma li hareg il-van u d-dghajsa kollha f’daqqa permess tal-Pulizija, kien ghamel rapport lil Pulizija ghaliex l-attur Mark Brincat u Saviour Cassar kienu gew id-dar tieghu u qalulu li jekk ma jhallasx ma jtuhx l-affarijiet lura.

Ra x-xhieda ta’ Daniel Briffa, bin Carmelo Briffa, fejn jghid li kien prezenti meta dahlu d-dghajjes fil-garaxx izda ma kienx prezenti ghall-ebda negozjati. Jghid ukoll li kull darba li ha d-dghajsa ma hallas lil hadd.

Ikkunsidra li skond il-konvenut meta ltaqa ma’ missier l-attrici dan qallu li kien hemm garage “f’idejn it-tifla tieghu” (ara xhieda tal-konvenut). Il-konvenut qal li missier l-attrici kien semgha flus u hu hallas “xi haga izda ma jafx kemm”. Il-konvenut ma qalx li hallas lil missier il-atturi izda qal “tajthom xi haga”. Mistoqsi lil min hallas il-flus l-konvenut qal “insejt”. Pero qal: “la naf kontx tajthom cash jew cheque”. Il-konvenut qal ukoll li huwa kien hareg dghajsa u biex jaghmel hekk hallas certu ammont ta’ flus. Il-konvenut izda ma ftakarx jekk kienx hallas b’cheque jew cash u ma ftakar xejn dwar “bounced cheque”.

Il-konvenut qal li biex dahhal il-van (wara li dahhal z-zewg dghajjes) kien avvicina lil Mark Brincat (l-attur).

Mistoqsi jekk ghandux ihallas taz-zmien li l-oggetti tieghu kienu fil-pussess tal-atturi l-konvenut qal “kont tlabtomlu u hu ma taghomlix u allura nhoss li ma ghandix inhalsu”.

Il-konvenut qal li qatt ma kiteb lil Brincat jew lil missier l-attrici biex jitlob l-oggetti lura u lanqas ircieva bil-miktub talba biex ihallas.

Bin il-konvenut, Daniel Briffa qal li kien hareg dghajsa minn hemm minghajr ma hallas. Mistoqsi jekk hareg cheque li imbaghad “ibbouncja” ix-xhud qal li ma jiftakarx.

Illi l-versjoni tal-konvenut mhux kredibbli. Il-konvenut jghid li hallas certu ammont ta’ flus izda ma jafx kemm u ma jafx lil min.

Illi skond l-attrici l-ewwel sar ftehim bejn il-konvenut u missierha. L-attrici qalet “ahna sirna nafu bil-ftehim meta l-konvenut gie biex ipoggi l-affarjiet gol-garage taghna”.

Ma hemmx dubju li l-konvenut halla oggetti fil-fond tal-atturi. Li mhux car jekk kienx hemm ftehim bejn il-partijiet dwar kemm kellu jhallas lil konvenut u lil min. Il-konvenut jghid li hallas xi haga izda ma jafx kemm u ma jafx lil min. Bin il-konvenut mhux kredibli meta jghid li ma jiftakarx jekk kien hallas b’cheque li ma giex onorat. Illi jirrisulta li l-versjoni tal-atturi huwa hafna izjed kredibbli. Fil-fatt mistoqsi ghaliex ma hallasx il-konvenut sostna li ma riedx ihallas ghaliex kien talab l-oggetti lura u l-atturi ma riedux li jiehu l-oggetti lura. Dan ifisser li l-konvenut jippretendi li hemm ammont dovut izda dan ghandu jigi pacut ma’ ammont li ghandu jiehu hu talli l-atturi zammew l-oggetti tieghu meta riedhom.

Illi l-ewwel eccezzjoni huwa li ma hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda billi jirrisulta li l-konvenut dahhal oggetti fil-post tal-atturi. It-tieni eccezzjoni huwa li ma kienx hemm ftehim dwar kumpens u allura dan ma ghandux jinghata. Illi din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda billi l-konvenut stess jghid li hallas “xi haga” izda ma jiftakarx kemm u lanqas jiftakar lil min. It-tielet eccezzjoni hi li l-konvenut hallas lill-atturi kumpens xieraq u sufficjenti. Illi t-Tribunal ma jistax jifthem kif il-konvenut jista’ jghid hekk jekk ma jiftakarx kemm hallas u lil min. Certament jekk il-konvenut qed jecepixxi l-hlas l-istess konvenut kellu jipprova li hallas.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundannah sabiex ihallas lil atturi l-ammont ta' Lm630.00c (sitt mija u tletin lira Maltin). Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------